MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Talba Numru. 1231/2005

**Cassar & Cooper (S&I) Limited (C444)**

**vs**

**Michele Peresso Limited (C6469)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mitt Lira (LM500.00) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess skond il-prospett anness bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

Ra r-risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta fejn gie sollevat illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta’ attrici kkwazat danni lis-socjeta’ konvenuta bir-ritard fl-arriv ta’ merkanzija bil-bahar peress illi dawn l-oggetti gew migbura minn Pars Star Shipping LLC fit-28 ta’ Lulju, 2004 karreggjati fit-30 ta’ Lulju, 2004 u kellhom suppost jasslu Malta fis-17 ta’ Awissu, 2004 u mahruga mid-dwana fid-29 ta’ Settembru, 2004.

Illi fit-3 ta’ Awissu, 2004 is-socjeta’ attrici infurmat lill-konvenuti illi huma kellhom jasslu minn Cagliari fuq *feeder* vessel pero’ dan ma sarx minkejja korrispondenza f’dan is-sens.

Illi dan ikkawza danni l-isocjeta’ konvenuta li ghandhom ihallsu ghaliha s-socjeta’ attrici u li taghha s-socjeta’ konvenuta qed taghmel kontro talba f’dawn l-atti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra il-kontro talba fejn gie spjegat illi is-socjeta’ konvenuta kienet qabdet lis-sojeta’ attrici tikkarikalaha merkanzija fuq il-vapur Contship Indigo Voyage mill-United Arab Emirates fit-30 ta’ Lulju, 2004 liema merkanzija kellha tasal Malta fis-17 ta’ Awissu, 2004.

Illi din il-merkanzija wasslet Malta fis-7 ta’ Settembru, 2004 u mahruga mid-Dwana fid-29 ta’ Settembru, 2004.

Illi fit-3 ta’ Awissu, 2004 is-socjeta’ attrici infurmat lill-konvenuti illi l-containers ser jigu skarikati Cagliari u karikati mill-gdid fuq feeder vessel Malta.

Illi dan ikkawza dewmien u hemm varja korrispondenza in konnessjoni ma dan galadarba l-vapur originarjament skond informazzjoni moghtija mill-atturi kellu jigi direttament Malta.

Ili s-socjeta’ konvenuta soffriet danni.

Illi s-socjeta’ konvenuta interpellat lis-socjeta’ attrici biex tersaq ghall-likwidazzjoni tal-istess danni pero’ baqghet inadempjenti.

Jghidu l-attur prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux

- jiddikjara u jiddeciedi illi s-socjeta' attrici rikonvenzjonant hija responsbbli ghad-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonat;
- jillikwida l-istess danni fl-ammont ta' LM500 dovuti lill-istess socjeta' konvenuta rikonvenzjonata; u
- jikkundanna lill-atturi rikonvenzjonant ihallas lill-konvenuti rikonvenzjonati s-somma fuq imsemmija.

Bl-Ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Dicembru, 2004 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti rikonvenzjonati ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ghall-kontro talba fejn gie sollevat illi l-kontro talba tas-socjeta' konvenuta hija nfondatat fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta' attrici rikonvenzjonata qdiet l-inkarigu lilha fdat fedelment u ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naha tas-socjeta' attrici rionvenzjonata li taghha tista' tkun tenuta resposnabbli ghad-danni.

Ili fi kwalunkwe' kaz is-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti ghad trid tipprova d-danni minnha reklamati u minghajr pregudizzju ghas-suespost.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ra x-xhieda ta' Stefania Conti, Vincent Micallef, Louis Soler, l-affidavit u x-xhieda ta' Julie Psaila.

Ezamina n-Nota ta'sottomissjonijiet da parti mis-socjeta' attrici kif ukoll in-Nota risponsiva mis-socjeta' konvenuta .

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda prezz ta’ servizz rez mis-socjeta’ attrici fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta liema ammont qieghed jigi kkontestat stante illi s-socjeta’ attrici kkawzat danni lis-socjeta’ konvenuta bir-ritard tal-arriv ta’ merkanzija bil-bahar li kellhom jasslu Malta fis-17 ta’ Awissu, 2004 u li waslu Malta fis-7 ta’ Settembru, 2004 u li hargu mid-Dwana fid-29 ta’ Settembru, 2004. Mar-Risposta giet ipprezentata kontro talba fejn gie mitlub lit-Tribunal jillikwida d-danni sofferti fis-somma ta’ LM500 lis-socjeta’ rikonvenzjonanti. Is-Socjeta’ attrici rikonvenzjonata tghid illi hija qdiet l-inkarigu lilha fdat fedelment u li ma kienx hemm l-ebda nuqqas da parti taghha li ghali tista’ tkun tenuta responsabbli ghad-danni.

Mix-xhieda jidher illi fil-21 ta’ Lulju, 2004 gew prenotati tlett *containers* tal-erbghin pied minn Dubai li kienu rikjesti urgentement u li kellhom jasslu Spanja qabel ma jasslu Malta (fol.22). Illi s-socjeta’ attrici ma kienetx tat l-ETA Malta mall-konferma tal-ordni.

It-Tribunal jirrileva lli s-socjeta’ konvenuta bdiet tindaga dwar l-ETA Malta wara li kienet saret l-ordni u l-merkanzija kienet tghabbiet mill-port ta’ Jebel Ali, Dubai. Illi mall-ordni ma kienx intalab ETA Malta u mall-ordni s-socjeta’ konvenuta kienet taf li l-container taghha kellu jigi trasbordad fi Spanja. (fol22)

Illi s-socjeta’ konvenuta giet a konoxenza ta ‘ ETA Malta tat-18 ta ‘ Awissu b’korrispondenza skambjata direttament ma Pars Shipping Star LLC. Illi is-socjeta’ attrici kienet indikat lis-socjeta’ konvenuta illi d-data tat-18 ta’ Awissu, 2004 bhala ETA Malta moghtija lilhom direttament minn Pars Star Shipping LLC ma kienx fattwali peress illi ma kienx jezisti servizz dirett ghal Malta minn Dubai u x-xoghol kellu jigi trasbordad f’port iehor qabel ma jasal Malta. Id-Data tat-18 ta’ Awissu, 2004 kellha tkun l-ETA fil-port ta’ trasbord u minn dak il-port ‘feeder vessel ‘ kellu jgib ix-xoghol lejn Malta.

Illi skond memorandum interna mibghuta minn impjegati ta’ Michele Peresso Limited lis-Sur Emanuel Peresso l-impjegati tieghu stess qalu illi il-perjodu li x-xoghol dam

biex jasal Malta minn Dubai meta jittiehed in kunsiderazzjoni ill m’hemmx servizz dirett ma Dubai ma kienx perjodu ta’ zmien ezagerat fi kliemhom a fol 53 “The goods arrived in Malta on 7th September, 2004 after leaving Dubai to Cagliari to Malta. We feel that this period is not exaggerated due to the fact there were no direct links between the two countries …”

Ir-Ritard kompla jaggrava meta war li wasslet il-merkanzija Malta din inzammet mid-Dwana peress illi d-dokumenti rikjesti ghal ‘*clearance’* mid-Dwana ma kienux korretti u s-socjeta’ konvenuta kellha tircievi ‘export licences’ konformi mar-regolamenti tad-Dwana ta’ Malta. Mall-wassla tal-merkanzija fis-7 ta’ Settembru, il-merkanzija giet rilaxxata fid-29 ta’ Settembru, 2004.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma lli konsenja minn Jebel Ali, Dubai sa Malta Freeport, Malta fl-2004 ma kienx ha jiehu tlett gimghat biex jasal, partikolarment meta fl-2004 ma kienx jezisti servizz dirett bejn iz-zewg portijiet.

Illi s-socjeta’ konvenuta qatt ma talbet ETA Malta mall-ordni, ghalkemm il-konsenja kienet rikjesta mis-socjeta’ konvenuta urgentement.

Illi mall-wassla tal-konsenja f’Malta, il-merkanzija giet rilaxxat mid-dwana fid-29 ta’ Settembru, 2004.

It-Tribunal huwa konvint illi d-dewmien minn meta wasal Malta u gie rilaxxat mid-Dwana kien dewmien ezagerat u aggravanti.

It-Tribunal jirrileva illi ghal dan id-dewmien ulterjuri sehh minhabba dokumentazzjoni zbaljata mibghuta mill-esportaturi u fi kliem l-impjegati ta’ Michele Peresso Limited “ The goods arrived in Malta on 7th September, 2004 but were cleared from Customs on 29th September. This is a long time for any goods to be cleared from Customs and was only due to lack of export licence from Adidas. We could only clear the goods because of our good relationship with Customs.” Ikomplu “ …In this

respect we feel that the fault lies on Adidas." Hawnhekk huwa car illi l-htija tirrigwarda d-dewmien eccessiv.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi din il-memorandum interna giet abbozzata u ffirmata mill-impjegati tas-socjeta' konvenuta li kellhom x'jaqsum direttament ma din l-ordni u konsenja. Julie Psaila li xehdet f'din il-kawza hija wahda mill-firmatarji ta' dan il-memorandum mibghuta lil dirigenti tas-socejta' konvenuta li kien talab spjegazzjoni tal-akkadut.

Di fatti fl-istess memorandum interna hawn fuq imsemmija u citata it-Tribunal jkompli billi jicita ".. and we are of the opinion the major delay of clearing the goods was in not having the necessary documents ( export licence) which should have been sent by Adidas.

Illi huwa minnu lli x-xoghol ta' *freight forwarder* huwa li jara li merkanzija jitghabba skond il-*shipper's declaration* u effettivament il-garr ta' *containers* hija r-responsabbilita' ta' terzi.

Ili ghalhekk it-Tribunal isib illi s-socjeta' attrici qdiet l-inkarigu taghha u ma kien hemm ebda nuqqas li taghha tista' tkun tenuta responsabbli ghad-danni rikjesti mis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonati.

It-Tribunal, dwar l-azjoni attrici fic-cirkostanzi jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' Lm500 bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Illi ghar-rigward tal-kontro talba tas-socjeta' konvenuta it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad bl-ispejjez il-kontro talba tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti minhabba nuqqas ta' provi.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------